**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU 2002**

**Avviz Nru 2102/98DM**

**Haywharf Caterers Limited**

**Vs**

**Perit Austin Attard Montaldo**

**Il-Qorti**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppermettew illi:

1 Is-socjeta attrici giet ikkundannat thallas tliet mija u sitta u disghin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm396.18) permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia tas-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet Perit Austin Attard Montaldo vs Haywharf Caterers Limited (Avviz, Nru. 161/98MM).

2 Is-socjeta attrici qatt ma giet notifikata legalment bl-avviz imsemmi u konsegwentement qatt ma giet rappresentata fil-kawza.

3 In-notifika tas-socjeta attrici bl-avviz sar biss permezz tal-publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u dan nonostante li l-ufficcju registrat tas-socjeta attrici li jinsab f'Regency House, 254, Republic Street, Valletta jinsab dejjem miftuh fil-hinijiet ta' l-ufficcju.

4 Ghalhekk in-notifika saret bi ksur ta' dan predispost fl-Artikolu 187(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

5 Ghalhekk u in oltre s-sentenza fuq citata giet ottjenuta bi frodi da parti tal-konvenut li, ghalkemm kien jaf jew seta' facilment ikun jaf fejn kellu jinnotifika lis-socjeta attrici, ghazel xorta wahda li jinnotifikaha permezz tal-publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern.

6 Is-socjeta attrici saret taf biss ricentement bil-kawza, ossia meta saret taf li hemm mandat ta' sekwestru fuq il-flus depositati l-bank.

7 Ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811(b) u (a) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

8 L-attur jixtieq jattakka il-kapi kollha tas-sentenza fuq imsemmija.

Talbu li din il-Qorti tordna t-thassir, ir-revoka u l-kancellament tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Michael

Mallia tas-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet "Perit Austin Attard Montalto vs Haywharf Caterers Limited " Avviz Nru 161/98MM.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Austin Attard Montalto fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li n-notifika tas-Socjeta Haywharf Caterers Limited fil-kawza fl-ismijiet inversi saret ai termini tal-Ligi u ghalhekk is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1998 m'ghandhiex tigi mhassra u lanqas dik il-kawza ritrattata
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-process tal-Kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Mejju 1998; Avviz Nru 161/98MM fl-ismijiet "Austin Attard Montalto vs Haywharf Caterers Limited".

Rat id-digriet tat-12 t'Ottubru fejn ordnat l-allegazjoni tal-process tal-kaz decis fis-7 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet Perit Austin Attard Montalto vs. Haywharf Caterers Limited Avvis Nru 161/98MM.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi minn ezami tal-atti tal-process tal-kawza Avviz Nru 161/98MM jirrizulta illi l-kumpanija konvenuta f'dik il-kawza kienet giet indikata li ghandha indirizz f'Haywharf, Floriana u huwa f'dan l-indirizz biss illi saru t-tentativi tan-notifika.

Minn imkien fl-atti ta' din il-kawza ma jirrizulta illi l-attur, l-Perit Austin Attard Montalto, kien ghamel xi tentativ ta' notifika f'xi indirizz ulterjuri oltre dak ta' Haywharf il-Floriana nonostante illi fir-riferta relattiva gie ndikat illi kien 'insufficiently addressed'.

Inoltre, jirrizulta illi meta l-Qorti kienet laqghet it-talba ta' l-gia' attur, Perit Austin Attard Montalto, sabiex in-notifika tista jsir permezz tal-pubblikazzjoni, l-indirizz ukoll indikat fil-pubblikazzjoni (vide estratt li gie ppubblikat) fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 t'April 1998 harga numru 16604, kien dak ta Haywharf fil-Floriana.

Mill-provi li nstemghu minn din il-Qorti izda jirrizulta illi l-indirizz ufficjali li hu rregistrat mar-Registratur tal-Kumpaniji u li kien indikat fil- 'Memorandum and Articles' tal-kumpanija attrici, kien dejjem l-indirizz f'numru 254 Republic Street, gia Kingsway, il-Belt Valletta, u kien

ghadu indikat dan l-indirizz almenu sal-15 ta' Marzu 1991 kif jirrizulta mill-'Memorandum and Articles' esibiti a fol 31 tal-process (dokument SG1).

Ma saret pero' ebda prova li tindika illi fiz-zmien tal-proceduri originali decizi fis-7 ta' Mejju 1998 dan kien ghadu l-indirizz irregistrat mal- Malta Financial Services.

Min-naha l-ohra pero', il-konsulent finnanzjarju tal-kumpanija attrici, Sharheriyar Ghaznavi, xehed bil-gurament illi dan l-indirizz ta Republic Street, kien ghadu l-indirizz registrat tal-kumpanija anke sa' Ottubru tas-sena 2000 meta ta id-deposizzjoni tieghu u dan kien baqa' dejjem l-indirizz irregistrat sa mill-1967, meta giet irregistrata l-kumpanija.

Inoltre, mid-dokument SG2 a fol 32 tal-process jidher illi sal-1 ta' Gunju 1995 il-kumpanija kienet ukoll iddikjarat illi l-indirizz ufficjali taghha huwa fin-numru 254 Republic Street, Valletta, Malta

Min-naha tieghu l-konvenut mhux qieghed jikkontesta illi l-indirizz registrat ufficjalment tal-kumpanija huwa 254 Triq ir-Repubblika , il-Belt Valletta, izda mid-dokumenti esibiti minnhu, senjatament il-kuntratt ta' kera relattiv illi huwa ghamel ma' Fernando Piovaccari ghan-nom tal-kumpanija attrici, l-indirizz li gie indikat bhala dak ta' l-kumpanija kien Haywharf il-Floriana. Anke minn reklam li deher fil-harga tal-gurnal 'The Times' fil-5 ta' Marzu 1998 (a fol 37), ir-

restaurant ‘Lo Squero’ indikat fil-lokazzjoni kien jirrizulta li ghadu miftuh ghan-negozzju u ghalhekk il-konvenut issostni illi in-notifika fil-post tax-xoghol ghandha titqies bhala notifika valida.

Il-kontenut ta’ dawn iz-zewg dokumenti ma gew ikkontestati mill-atturi ghalkemm l-istess Sharheriyar Ghaznavi kien qal li, mill-memorja, jahseb illi dan ir-restaurant kien gie maghluq fis-sena precedenti.

Ghalhekk dak li trid tiddetermina din il-Qorti huwa jekk jirrizultax stabbilit illi l-indirizz irregistrat ufficjalment tal-kumpanija attrici huwiex 254 Republic Street, il-Belt Valletta, u jekk ir-restaurant ‘Lo Squero’, Haywharf, il-Floriana,  huwiex jew kienx fi zmien tat-tentativi ta’ notifika fond kummercjali gestit mill-kumpanija attrici li ghalhekk ghandhu jitqies bhala il-post tax-xoghol tal-istess kumpanija.

Mill-‘Memorandum and Articles’ esibit bl-aggunta tad-deposizzjoni ta’ Sharheriyar Ghaznavi inkontestata, l-Qorti taccetta  illi l-indirizz ufficjalment irregistrat tal-kumpanija attrici kien minn dejjem u ghadu sa llum fil-fond numru 254 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

Ghalhekk ma kien qatt gustifikat il-konvenut odjern illi jaghzel li jinnotifika kumpanija kummercjali fl-indirizz oltre dak irregistrat jekk hu stess ma jkollux provi illi setgha jghamel notifika valida post iehor.

Ghalhekk jispetta lill–konvenut, Perit Austin Attard Montalto, illi jipprova illi l-indirizz Haywharf il-Floriana kien indirizz fejn setgha jghamel notifika valida lill kumpanija attrici.

Mill-kuntratt ta' lokazzjoni tal-fond 58, Flat 4, Catherdral Street, Sliema (fuq liema kuntratt hija bbazata l-pretenzjoni tal-konvenut kontra l-atturi) jirrizulta li l-indirizz tal-kumpanija attrici gie ndikat bhala Haywharf, il-Floriana. Jirrizulta wkoll illi dan il-kuntratt tal-lokazzjoni kien qieghed jsir ma persuna residenti fl-Italia u ghalkemm gie ndikat illi din il-persuna qiegheda tidher ghall-kumpanija Haywharf Caterers Limited, ma tirrizulta ebda rizoluzzjoni f'dan is-sens jew xi forma ta prokura u gie fl-ahhar nett iddikjarat illi l-inkwilin fil-fatt huwa l-istess Taljan personalment ghaliex inghata n-numru tal-passaport tieghu, nghata wkoll l-indirizz tax-xoghol tieghu, u anke n-natura tax-xoghol tieghu.

Ghalhekk dan il-kuntratt ta' lokazzjoni (dokument AM1 a fol 37), iktar milli jista jservi ta prova dwar xi post tax-xoghol tal-kumpanija attrici, ghandhu jservi biex iqajjem dubbju ghal-konvenut illi effettivament l-indirizz tar-restaurant setgha ma kienx l-indirizz ufficjalment irregistrat tal-kumpanija attrici.

Irrespettivament mill-obbligu tal-istess konvenut illi jghamel indagni serja dwar l-indirizz ufficjalment irregistrat

jirrizulta wkoll nuqqas serju anke fit-tentattivi ta' notifika illi kienu saru fil-kawza originali. Dan peress illi minn imkien ma rrizulta illi l-konvenut kien ipprova jghamel in-notifika fl-indirizz fejn hu effettivament haseb li kien il-post tax-xoghol tal-kumpanija attrici.

Infatti f'ebda wahda mir-riferti negattivi illi gew indikati fil-process originali ma jirrizulta illi gie ndikat l-isem tar-restaurant 'Lo Squero' nonostante li r-riferti kienu jindikaw illi n-notifika ma saritx ghaliex il-post tan-notifika kien "insufficiently addressed".

Inoltre din l-istess insufficjenza fl-indirizz giet ukoll ripetuta fil-publikkazzjoni illi a bazi taghha l-konvenut issostni illi innotifika validament lill-kumpanija attrici.

Ghalhekk ma rrizultatx wahda mir-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 187 (3) u (5) biex jiggustifika l-pubblikazzjoni.

Infatti  n-notifika fir-restaurant 'Lo Squero' f' Haywharf, il-Floriana, ma saretx mhux ghax il-post ma kienx maghruf jew ghaliex instab mghaluq, izda ghaliex qatt ma gie ndikat fit-tentattivi ta' notifiki li saru fil-process originali.

Ghalhekk jirrizulta illi l-avviz numru 161/98MM qatt ma gie mibghut ghan-notifika fl-uffciju registrat tal-kumpanija, ma saretx prova konklusiva illi 'Lo Squero' restaurant kien il-post tan-negozju tal-istess kumpanija u fi kwalunkwe kaz l-avviz qatt ma ntbaghat ghan-notifika fl-indirizzz ta' dan ir-

restaurant u n-notifika dejjem saret f'post illi kien "insufficiently addressed".

Ghaldaqstant il-Qorti issib illi tirrizulta l-kawzali kontemplata fl-Artikolu 811 subinciz (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni tal-Procedura billi l-avviz promotur tal-kawza fl-ismijiet "Perit Austin Attard Montalto vs Haywharf Caterers Limited" Avviz Nru 161/98 MM qatt ma kien gie nnotifikat validament lill-parti tellifa.

Jirrizulta wkoll illi l-kumpanija attrici qatt ma kienet dehret fis-smigh ta' dik il-kawza u ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u l-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici thassar is-sentenza attakkata u tordna r-ritratazzjoni tal-kawza fl-ismijiet gia' msemmija u tappuntaha ghas-smigh mill-gdid fil-meritu ghas-seduta tat- 23 ta' Mejju 2002 fid-9.15 am.

Bl-ispejjez ta' din il-prezenti procedura kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34